# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Andrew Agius Bonello)**

**Vs**

**Raymond Sultana**

**Seduta tad-Distrett tan-Naxxar**

Illum, 28 ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Raymond Sultana ta' 63 sena iben Vincent u Teresa nee' Borg, mwieled B' Kara fil-05/09/1959 u residenti gewwa 16. 'Trusha', Triq Geronimo Abos, Iklin detentur tal-karta tal-identita' numru 576059 (M) akkuzat talli matul ix-xahar ta' Marzu, 2023 kif ukoll fix-xhur ta' qabel gewwa Triq Geronimo Abos, Iklin

1. Volontarjament ksirt il bon ordni jew il-paci pubblika b' ghajjat u storbju.

2. Aktar talli gibt ruhhek b' tali mod li tajt fastidju lil Bernardette Casha b' mod li kont. taf jew li missek kont taf li dak li ghamilt kien ta' fastidju ghal istess Bernardette Casha.
3. Aktar, talli gibt ruhek b' tali mod li tajt fastidju lil Louis Casha, u b' mod li kont taf jew li missek kont taf li dak li ghamilt kien ta' fastidju ghall-istess Louis Casha.
4. Aktar talli kkawzajt dwejjaq lil Bernardette Casha u kellu avvers fuq il-hajja ta' kuljum taghha.
5. Aktar talli kkawzajt dwejjaq lil Louis Casha u kellu avvers fuq il-hajja ta' kuljum tieghu;
6. Aktar talli dejjaqt u ffastidjajt lil Bernadette Casha, li hija xiha u mifluga.
7. U aktar talli dejjaqt u ffastidjajt lil Louis Casha, li huwa xih u miflug.

Rat l-affidavit ta' PS 1151 Christian Sciberras pprezentat mat-tahrika tal-kawza; semghet ix-xhieda ta' Berndardette Casha, Louis Casha fis-seduta tal-12 ta' Lulju, 2023 prodotti mill-prosekuzzjoni; tal-imputat Raymond Sultana u tax-xhud Luke Sultana prodotti mid-difiza fis-seduta tat-12 ta' Lulju, 2023.

Rat li fis-seduta tal-12 ta' Lulju, 2023 id-difiza qablet li Bernardette Casha ghandha karta rigwardanti d-dizabilta' u d-difiza mhux qed tikkontesta li Louis Casha ghandu hamsa u sebghin sena.

Rat fis-seduta tal-12 ta' Lulju, 2023 kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll u d-difiza iddikjaraw li m' ghandhomx aktar provi;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-artikoli 338(dd), 251 (A)(1)(a)(b), 251 BA(b)(ii), Art 339(n) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat id-dokumenti, ix-xhieda u l-atti kollha tal-kaz.

Ikkunsidrat

Provi tal-prosekuzzjoni

**Affidavit ta' PS 1151 Christian Scibberas**. Nhar it-3 ta' April 2023 intbghatet kwerela l-ghassa tan-Naxxar ghan-nom ta' Bernardette Casha (I.D. 153448 M) u Louis Casha (I.D. 561348 M) fejn intalab lil pulizija tinvestiga allegat agir fastidjanti ta' l-imputat Raymond Sultana (I.D. 576059 M). Il-kwerelanti stqarrew li huma girien tal-kwerelat u li ilhom snin jisismghu lil imputat jaghmel diversi xogholijiet fid-dar tieghu u mil-bidu tas-sena 2023 l-imputat kien ghaddej b' xoghol kontinwu fir-residenza tieghu fejn qed jintuzaw bosta ghodda fosthom daqqiet ta' martel, hoss ta' magni ta' tqattih u diversi hsejjes ta' xoghol manwali iehor. Huma stqarrew li dawn il-hsejjes jibdew sa minn kmieni filghodu sa tard fil-ghaxija.

Il-kwerelanti stqarrew li dan qed jikkawzajhom anzjeta' kbira u li Bernadette kellha tirrikorri l-isptar minhabba attakk ta' qalb. Huma stqarrew li kienu kemm il-darba kelmu lil imputat u baghatulu ittra legali.

Ix-xhud informa lil imputat bir-rapport li kien sar u li ser jinhargulu l-akkuzi. L-imputat gie infurmat li ghandu dritt jikkonsulta ma' avukat tal-ghazla tieghu u kif ukoll bid-dritt li jzomm is-silenzju. Raymond Sultana ghazel li jikkonsulta ma' l-avukat qabel ma rilaxxa stqarrija.

Raymond Sultana stqarr li huwa qatt ma uza magni tat-tqattih u li dejjem ipprova jaghmel xi bicca xoghol zghira wara li jispicca mix-xoghol u li dejjem waqaf mal-hin. Stqarr li huwa jzomm in-notamaneti tax-xoghol li qed jaghmel id-dar u li meta Louis Casha, il-kwerelant, kien kellmu minhabba l-isotrbju, beda' jaghmel xoghol li ma jaghmilx storbju bejn il-hinijiet ta' 2pm u 4pm. Raymond stqarr li x-xoghol li qieghed isir huwa fuq wara tad-dar fejn din il-bicca ma tmissx mad-dar tal-kwerelanti. Stqarr li l-iktar ghodda li uza li setghet ghamlet storbju kien xi driller sabiex ihallat il-materjal gewwa barmil.  L-imputat stqarr li minhabba ragunijiet familjari lanqas ikun jista' jibda x-xoghol kmieni minhabba li jkollu johrog jixtri l-bzonnijiet ta' kuljum kif ukoll inaddaf id-dar igifieri ikollu jieqaf kmienu mix-xogholijiet li qieghed jaghmel id-dar.

**Bernardette Casha**, il-*parte civile*, xehdet fis-seduta tat-12 ta' Lulju, 2023. Ghandha 75 il-sena u toqghod 20, Reve, Geranimo Abos, Birkirkara. L-imputat, Raymond Sultana, li qed taghraf fl-awla, huwa l-gar taghhom. Tixhed li hija tbghati minn kundizzjoni medika.

Tixhed li sa' mill-bidu ta' Jannar ta' din is-sena l-imputat kien qed ihabbat aktar mis-soltu u dam ihabbat 3 xhur u nofs shah kontinwi u li ma felhux aktar. Tixhed

> "Hinijiet il-hsejjes persistenti jieqaf ftit forsi nahseb biex imur jiekol jerga jibda jieqaf ftit u jerga jibda, jibda minn filghodu u jibqa sejjer sa xi 8 ta' filghaxija daqqa bis-serrieq, daqqa martell, daqqa baqqun, daqqa magni jien ma nifhimx fil-magni mma qishom tal-kostruzzjoni . . ."

Hija tixhed li minkejja li l-avukat taghhom kitiblu ittra fuq l-istorbji xorta baqa' ghaddej.

Mistoqsija in kontro-ezami tikkonferma li hemm fond iehor li qed jigi skavat hdejha.

**Louis Casha**, *il-parte civile*, xehed fis-seduta tal-12 ta' Lulju, 2023. Ghandu 75 il-sena u jghix 20, Reve, Geronimo Abos Birkirkara.

Jixhed li ghamlu rapport lil pulizija minhabba t-tahbit u l-istorbju li kien qed jaghmel il-gar taghhom, Raymond Sultana, l-imputat, li qed jaghraf fl-awla. Jixhed

> "Fit-2 ta' Jannar bdejna nisimghu partita storbju mal-hajt tal-appogg taghna magemb id-dar taghna u ghamel qisu 3 gimghat tqattieh bil-Jigger u tisbit u tismir bil-mazza u skalpell ghamel 3 gimghat voldieri hekk."
>
> "Avu: Fl-liema granet u hinijiet?
>
> Xhud: Kwazi kuljum barra l-hadd minn nofs in-nhar sa fil-ghaxija."

Jixhed li meta kellem lil imputat huwa qallu li qed jaghmel open plan fil-kcina u waqqa hajt.

Sa fejn jaf hu l-imputat ma kellux haddiema d-dar ghax rah jarmi l-bricks wahda wahda go skip.

Jikkonferma li fl-istess zmien kien hemm xi flats telghin pero' jghid li dawn l-izvilupp ma jmiss maghhom.

Kienu inkarigaw l-avukat ta' fiducja taghhom biex jikteb ittra lil imputat u f' din l-ittra "tajnieh certu hinijiet biex jahdem ahna ikkoncedejna mid-9:00 ta' filghodu sas-1:00 ta' wara nofs in-nhar, wara nofs in-nhar ihallina nistriehu naqra u ghednilu isma mill:4:00 sas 6:00 tibqax ghaddej iktar."

Jixhed li l-imputat xorta baqa' ghaddej ghal xi tlett xhur u nofs shah il-Hadd jieqaf u li x-xoghol baqa' sejjer bejn wiehed u iehor sa nofs April.

Mistoqsi fuq l-effett ta' dan l-istorbju fuqhom jirrispondi

> "Avu: Issa habba dan l-istorbju minn intom minn naha taghkom kif hassejtuh x' effett kien qed jaghmel fuqkhom?
>
> Xhud: Ta' detriment uu ghalina l-mara ghandha kumplikazzjonijiet serji ta' sahha difatti ghamelt gimgha xahar li ghadda heart failure minhabba l-istess u l-anzjeta' li kien qed jikkawzala."

In kontro-ezami mistoqsi x' makkinarju kien qed juza l-intimat jirrispondi

> "Xhud: L-istorbju li kien qed jistema huwa ta' tismir xi hadd li qed ikisser b' xi mazza bl-iskalpell u ghamilt 3 gimghat biex iwaqqa l-hajt kien juza l-Jigger.
>
> Avu: Kif taf li kien qed juza mazza Jigger u skalpell?
>
> Xhud: Mela ma nafx mill-hoss naf x' inhu Jigger u naf x' inhu hoss ta' magna li taqta' l-injam u naf hoss ta' magna li taqta' l-aluminium ghandi esperjenza ta' dawn l-affarijiet."

Fuq il-hinijiet li kien qed jahdem l-imputat jixhed

> "Avu: Mela u fi x' hin kien jahdem?
>
> Xhud: Gieli anki' fit-8:00 ta' filghodu sa nofs in-nhar umbghad jieaf naqra u umbghad jerga' wara nofs in-nhar kollu sas-6:00 ta' filghaxija jew sas-7:00."

<u>Provi Difiza</u>

**Raymond Sultana** l-imputat, xehed fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2023. Mistoqsi ix-xogholijiet fiex jikkonsistu jirrispondi

> "Xhud: Kelli bzonn nirranga daqsxejn id-dar il-kcina kienet spiccat u kelli bedroom hdejn il-kcina waqqajt il-hajt u ghamilt open plan, il-hajt fil-passat kellna kwistjonijiet qatt ma uzajt Jigger hattejtu b' idejja wahda wahda li uzajt driller biex qtajt il-din minn mas-saqaf"

Jixhed li kien jibda' jahdem ghal xi 8:30 am / 9:00 am u rari jibqa' sas-8:00 pm. Tul il-gurnata kien jieqaf biex jiekol, jistrieh etc.

> "Avu 2: u semmejt li kien hemm waqfien igifieri inti kont qed nifhmek sew inti tahdem bejn it-8:30 u 9:00 sa filghaxija sal-17:00?
>
> Xhud: Ix-xoghol li jkun ghaddej u tqatta trinek ghax trid tghaddi d-dawl l-ilma gdid tnehhi l-madum tal-hajt qtajt xi bicciet ats-serrieq biex zarmajt il-kcina.
>
> Avu: Inti ghedt kont tahdem bejn it-8:30 u id-9:00 filghodu sal-17:00 jew 18:00 il-hinijiet kollha?
>
> Xhud: Le mhux straight nieqaf biex niekol niehu t-te nieqaf kemm il-darba mhux straight kollha."

Wara li rcieva l-ittra tal-avukat tal-parte civile xehed li ha dawn il-mizuri

> "Jiena wara li kont ricevjt l-ittra bl-avukat wara li konnha tkellimna bdejt naghmel kemm jista' jkun bejn l-14:00 u l-16:00 ma nahdem xejn bdejt innaddaf u naghmel fejn kien possibli zammejtha kemm stajt iccekjajt mal-Ghassa irreferewni ghal building regulation office u qaluli Jigger mis-7:30 sal-16:00 u xoghol iehor mis-7:00 sat-20:00 barra is-Sibt u l-Hadd barra Hdud u Festi u jien xorta bqajt inzomm li wara nofs in-nhar bejn 14:00 u l-16:00 kemm jista' jkun ma naghmilx xoghol ta' storbju."

Jixhed li hu qatt ma uzha l-Jigger. Bhala makkinarju u / jew ghodda kien juzaha xi driller biex inhawwad it-tajn xi martell u mazza.

Kien hemm ukoll zvilupp ta' terzi ghaddejin hdejh.

Jispjega li

> "Jiena maisonette fuq is-sinjuri. L-appogg komuni taghma minn 65ft k0ewwek approximately 28 ft huwa komuni umbghad huwa appogg wahdu qieghed u jiena kont qed nahdem fuq l-ahhar 15 ft igifieri aqqas kont qed nahdem ma' l-appogg taghhom first floor m' hemmx appogg komuni."

Ix-xoghol li kien qed jaghmel kien fuq in-naha ta' wara. L-izvilupp li irrifera ghalieh kien qed isir in-naha l-ohra tad-dar tieghu. L-izvilupp tat-terzi kien jikkonsisiti billi waqghu d-dar li kien hemm ezistenti eskavaw u tellghu hames sulari u x-xoghol ghadu ghaddej sallum. Jiddiskrivi l-istorbju minn dan l-izvilupp bhala nsapportabbli minn naha tieghu.

In kontro-ezami, jixhed il-bini l-gdid kien ghadu mhux lest din is-sena.

Mistoqsi x' ghodda uza biex waqqa l-hajt jirrispondi li uzha driller, lieva u b' idejh. Il-bricks kien inzizzilhom fuq it-tavlun u mit-tavlum innizzilhom ghall ma l-art. Jitla' u jinzel ghal kull briksa.

Ghamel il-maggorparti tax-xoghol hu imma kellu ukoll l-ghajnuna tal-electrician u haddiema biex tellajna l-iron beams f' posthom travi.

Biex ghamel il- conduit tal-elettriku uza c-chaser.

**Luke Sultana**, iben l-imputat, xehed fis-seduta tal-12 ta' Lulju 2023. Jiddikjara li jixtieq jixhed. Jaf li Bernardette Casha u Louis Casha bhala l-girien taghhom.

Dawn l-ahhar xhur il-genituri tieghu kienu qed jaghmlu rinovazzjonijiet fil-kcina. Ix-xogholijiet li ghamel missier kienu jikkonsistu li il-kcina kienet ma gemb il-kamra tas-sodda taghhom ta' meta konnha zghar missier ghaqqadhom u nehha l-ghamara l-antika tal-kcina u tellgha ghamara gdida u madum gdid ta' dik l-area.

Mistoqsi x' kien juza l-imputat biex jaghmel dawn ix-xogholijiet jirrispondi

> "Xhud: Affarijiet semplici kien juza idejgh u ghodda bhal martell ir-rubber mallet ghall-madum minix espert ta' dan imma bhal hajt waqqghu b' idu ma gabx ghodda bhal Jigger."

Bhala hinijiet misseru kien jahdem mhux aktar kmieni mid-9:00 u mhux aktar tard mill-17:00 jew is-18:00 ta' filghaxija. Missieru ma jahdimx kontinwament ghax jaghmel ix-xirjiet, jiehu hsieb l-affarijiet tad-dar kollox hu, jiehu l-kollazjon, jieqaf ghall ikel xi nofs in-nhar jidhol jistrih.

Jixhed li hu jahdem bhala tabib. Meta kien jasal mix-xoghol ezempju xi 19:00 missieru ga jkun fl-ahhar tat-tindif tieghu igifieri facilment ikun beda' siegha qabel u meta jkun irid jipprepara l-ikel minn qabel zgur li kien ilu li waqaf.

Ikkunsidrat,

Mill-provi hareg li l-imputat kien qed jaghmel xogholijiet fid-dar tieghu fuq in-naha fejn ma hemmx appoggi mad-dar tal-kwerelanti. Ix-xogholijiet ghamilhom fil-maggorparti wahdu. Fl-istess zmien kien hemm xogholijiet magguri f' propjeta' ta' terzi fejn kienu qed iwaqqghu dar, jeskavaw u xoghol ta' bini. Xogholijiet li skont l-imputat kienu qed jaghmlu hsejjes insopportabbli. Il-parte civile, minn naha taghhom filwaqt li jammettu li kienu qed isiru dawn ix-xogohlijiet ta' skavar minn terzi mal-appogg tal-imputat u allura ma jmiss maghhom insistew li kienu x-xogholijiet li kien qed jaghmel l-imputat li kien qed jaghtihom fastidju.

L-imputat xehed li huwa kien qed jahdem fil-hinijiet permessi fil-ligi u li ghamel ix-xoghol bil-galbu biex johloq l-anqas inkonvenjent, dan gie konfermat ukoll mit-tifel tieghu Luke Sultana li kkolabora dak li qal l-imputat u anki' fuq il-marda ta' ommu, mart l-imputat. Minn naha taghhom il-parte civile fix-xhieda taghhom jikkonfermaw li x-xogholijiet ma kienux isiru nhar ta' Hadd u bil-lejl.

Il-Qorti tqis li huwa inverosimili li l-parte civile ma kienx qed idejjaqhom l-istorbju ta' l-iskavar ta' bini tat-terz imma li kien qed jikkreajalhom fastidju x-xoghol tal-imputat fuq naha fejn ma kienx hemm appogg maghhom.

Ikkunsidrat

B' referenza ghall-ewwel imputazzjoni l-imputat gie akkuzat bi ksur ta' buon ordni u paci pubblika. Din il-kontravvenzjoni hija dik li fil-Liġi Ingliża hija 'a breach of public peace'.

"Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Alfred Pisani" [5.5.1995] ir-reat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-"common law" Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace" . Bhala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.[1]

Illi fil-kaz mertu ta' dawn il-proceduri, l-ilment tal-kwerlanti kien fuq allegat storbju waqt xogholijiet li kienu qed isiru fil-propjeta' tal-gar taghhom.

Il-kaz in ezami ma jinkwadrax taht dan il-kap ta' l-akkuza u ghalhekk qed tillibera lil imputat minn din l-imputazzjoni.

Dwar it-tieni, it-tielet, imputazzjoni, fit-tieni imputazzjoni l-imputat gie akkuzat li taha fastidju lil Bernardette Casha u fit-tielet imputazzjoni li taha fastidju lil Louis Casha.

L-artikolu 251A(1)(a)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipulaw li

[1] Kif kwotata fis-sentenza "Il-Pulizija v Sven Bonnici", Qorti tal-Magistrati (Gudikatura Kriminali) datata 14.02.2024

251A. (1) Persuna li:

(a) iġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra ;jew

(b) iġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun tafli dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna;

Fil-kaz in ezami l-fastidju illmentat mill-kwerelanti huma x-xogholijiet li kien qed jaghmel l-imputat fid-dar tieghu.

Fis- sentenza Il-Pulizija vs Joseph Brincat [2]intqal illi:-

> "Illi l-qrati taghna miz-zmien tal-promulgazzjoni tar-reat tal-hekk ismejjah 'harassement' interpretaw id-disposizzjoni ta'l-artikolu 251A bhala dak ir-reat li irid isarraf f'imgieba persistenti u abitwali u li jista' jikkaguna allarm, biza, dwejjaq jew stress fuq il-vittma, dejjem tenut kont tar-retroxxena ta' kull kaz individwali. Dan ghaliex l-artikolu 251A jissanzjona "Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f' dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni inġusta" [Il-Pulizija vs Paul Attard – App. Krim 27/09/2007]"

Issir referenza ukoll ghas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Peter Ebejer[3] , fejn ġie riaffermat illi l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju, għaliex l-ombra ta' dubju ma jistax jitqies li huwa dubju li huwa dettat mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u dejjem bl-applikażzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni[4].

---

[2] Il-Pulizija vs Joseph Brincat, Qorti tal-Appell, 14 ta' Diċembru 2017 (Appell Nru 273/2017)

[3] Deciza 5 ta' Dicembru 1997

[4] Lord Denning fil-każ Miller vs Minister of Pension (1974 - 2 ALL ER 372), fir-rigward tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt' qal awtorevolment:- "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong aġainst a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but notħing shall of that will suffice.

Mill-provi prodotti u għad-dispożizzjoni din il-grad ta' prova ma tlaqhtitx, l-agir ilmentat kien fuq xogholijiet li l-imputat kien qed jaghmel fid-dar tieghu stess. Peress li dan il-kap ma giex ipprovat, minhabba konflitt ta' provi it-tieni u t-tielet akkuzi ma gewx ipprovati.

B' referenza ghar-raba', il-hames, s-sitt u seba' imputazzjonijiet, l-imputat gie akkuzat li kkawza dwejjaq li kellu avvers fuq il-hajja ta' kuljum ta' Bernadette Casha u Louis Casha (ir-raba', il-hames imputazzjoni) u talli dejjaq u fastija lil Bernadette Casha u Louis Casha li huma xjuh u mifluga (s-sitt u s-seba' imputazzjoni)

Il-Qorti minhabba ragunijiet li gew espressi aktar il-fuq f' din is-sentenza tikkunsidra li dawn l-imputazzjonijiet ma gewx ipprovati.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli relevanti ghal kaz, l-artikoli 338 (dd), art. 251A(1)(a)(b), art 251 BA(b)(ii), 339 (n) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputat **Raymond Sultana** mhux hati u qed tilliberah minn kull akkuza dedotta fil-konfront tieghu.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**